

## Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) tal-Kummissjoni Nru 3665/87, tas-27 ta' Novembru 1987, li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli, kif emendat mir-Regolament (KE) tal-Kummissjoni Nru 495/97, tat-18 ta' Marzu 1997, għandu jiġi interpretat fis-sens li, fkaż ta' rifużjoni differenzjata, il-parti differenzjata tar-rifużjoni hija mitluba mhux fil-mument tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni prevista fl-Artikolu 47(1) tar-Regolament Nru 3665/87 u tad-dokumenti relatati mal-ħlas tar-rifużjoni previst fl-Artikolu 47(2) ta' dan ir-regolament, iżda mill-mument tal-preżentazzjoni tad-dokument imsemmi fl-Artikolu 3(5) ta' dan ir-regolament. L-inklużjoni f'dan id-dokumenti ta' informazzjoni li tista' twassal għal rifużjoni ogħla mir-rifużjoni applikabbi u li tirriżulta inkorretta twassal, konsegwentement, bla' ħsara għall-każijiet previsti fit-tielet u s-seba' subparagraphi tal-Artikolu 11(1) ta' dan ir-regolament, għall-applikazzjoni tas-sanzjoni prevista fl-ewwel u t-tieni subparagraphi ta' dan l-Artikolu 11(1).

(<sup>1</sup>) ĠU C 128, 24.5.2008

## Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tad-19 ta' Marzu 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika tal-Polonja

(Kawża C-143/08) (<sup>1</sup>)

**(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2006/73/KE — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst)**

(2009/C 113/20)

Lingwa tal-kawża: Il-Pollakk

## Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: P. Dejmek u M. Kaduczak, aġġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentant: M. Dowgiewicz, aġġent)

## Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjoni neċċesarji sabiex jikkonforma ruħha mad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/73/KE, tal-10 ta' Awwissu 2006 li timplimenta d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżiti organizattivi u l-kundizzjoni ta' ħidma applikabbi għall-kumpaniji ta' investiment u d-definizzjoni ta' ġerti termini definiti għall-ghanjet ta' din id-direttiva (ĠU L 241, p. 26)

## Dispożittiv

- 1) Billi m'adottatx, fit-terminu previst, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjoni amministrattivi kollha neċċesarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/73/KE, tal-10 ta' Awwissu 2006 li timplimenta d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżiti organizattivi u l-kundizzjoni ta' ħidma applikabbi għall-kumpaniji ta' investiment u d-definizzjoni ta' ġerti termini definiti għall-ghanjet ta' din id-direttiva, ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva.

- 2) Ir-Repubblika tal-Polonja hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 142, 7.6.2008

## Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-24 ta' Marzu 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Il-Gran Dukat tal-Lussemburgo

(Kawża C-184/08) (<sup>1</sup>)

**(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Regolament (KE) Nru 648/2004 — Artikolu 18 — Suq tad-diterġenti u tas-surfacants għal diterġenti — Sanzjonijiet)**

(2009/C 113/21)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

## Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: P. Oliver u J.-B. Laignelot, aġġenti)

Konvenut: Il-Gran Dukat tal-Lussemburgo (rappreżentant: C. Schiltz, aġġent)

## Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas milli jadotta jew jikkomunika, fit-terminu previst, is-sanzjonijiet disswasivi, effettivi u proporżonati li għandhom jiġu applikati fil-każ ta' ksur tar-Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, dwar diterġenti, il-Gran Dukat tal-Lussemburgo naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt dan l-artikolu.

## Dispożittiv

- 1) Billi ma adottax, fit-terminu previst, sanzjonijiet skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, dwar diterġenti, il-Gran Dukat tal-Lussemburgo huwa kkundannat għall-ispejjeż

(<sup>1</sup>) ĠU C 158, 21.6.2008